# Tifkira
# tar-Rebħa l-Kbira tat-8 ta' Settembru 1565

*Diskors li għamel Għawdex is-Sur Ġorġ Pisani*
*fis-26 Settembru 1936*

AĦWA GĦAWDXIN,

Meta dalgħodu mill-bogħod ta' djarkom u ta' l-irħula tagħkom rajtu jperpru fuq din il-belt ewlenija tal-gżira tagħna l-bnadar bil-lwien ta' pajjiżna, Bojjod u Ħomor, u smajtu l-qniepen qodma tal-Kattidral, Omm il-knejjes kollha ta' Għawdex, b'tokki tqal u meqjusa jfakkru fis-sagrifiċċju ta' dawk li taw demmhom it-tajjeb u ħajjithom għal-fidwa ta' Malta, ta' l-Ewropa u tad-Dinja, u għamlu dawn il-ġżejjer famużi ma' tul iż-żmenijiet kollha, intom ħassejtu ġo qalbkom is-sejħa biex tħallu djarkom u l-irħula tagħkom u tinġabru f'din il-belt sabiex taħsbu, tiftakru u titolbu. U l-lejla lkoll kemm aħna nġbarna f'dan il-misraħ storiku, il-qalb u l-ħajja ta' din il-gżira, biex b'qalb waħda u għalanija aħna ngħixu flimkien din is-siegħa kbira li fuq il-ġwienaħ taż-żmien tiġi tfakkarna ta' kull sena fuq il-kobor ta' artna u l-qlubija ta' ġensna. Iżda f'dan il-ħin fuq il-wiċċ tagħkom ilkoll jien qiegħed naqra kelma sabiħa u kbira li tidher biss fuq il-wiċċ ta' Nazzjon miġbura f'ħinijiet bħal dawn tagħna. Din il-kelma hija l-istess waħda li intom tistgħu taqraw ukoll f'għajnejja bħal issa li ġejt biex inkellimkom. X'inhi, x'tista' tkun qatt din il-kelma? Hija l-istess waħda li biha jiena ftaħt il-lejla dan id-diskors:—*Aħwa*. Kemm hi sabiħa f'dawn il-ħinijiet din il-kelma! Iżjed sabiħa minn dak li tfisser fil-ħajja ta' kulljum. Wisq iżjed ħelwa minn bewsa ta' omm, wisq iżjed għażiża minn tgħanniqa ta' missier. *Aħwa* jiġifieri Għawdxin, jiġifieri Maltin, jiġifieri wlied dawk il-qalbenin li xerrdu l-isem ta' Malta ma l-Ewropa u mad-dinja u ksew dawn il-gżejjer bi glorja li l-ebda żmien ma jista' joħdilhom. *Aħwa*, jiġifieri werrieta

ta' dak l-egħmil qalbieni ta' misserijietna, imsejħin l-iljuni tal-Mediterran, u l-biża' ta' l-aqwa potenza ta' żmenijiethom. Iva llum ilkoll inħossu li aħna *aħwa*, ulied omm kbira u felħana, Malta tagħna magħquda u marbuta taħt l-ogħla Ideali,—l-Ideali kbar u sbieħ tar-Reliġjon u tal-Patrija.

GĦAWDXIN,

L-Istorja ta' kull nazzjon Ċivili hija l-patrimonju, il-wirt għażiż li l-ġenerazzjonijiet qodma jħallu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Kbira u sabiħa l-istorja ta' Ruma bil-kotra ta' għemejjel ta' qlubija li ħallewlha wliedha. Kbira u sabiħa l-istorja tal-Greċja mkabbra u msebbħa mill-pinna lelliexa tal-poeti. Iżda li art kbira u mgħammra b'eluf kbar ta' nies ikollha storja kbira hija ħaġa li tiġbed l-ammirazżjoni tagħna u nibqgħu nifhmuha. Imma li art ċkejkna bħal ma hija l-gżira tagħna, imgħammra minn ftit nies, ikollha paġna fl-istorja bħal ma hija dik tar-rebħa tat-8 ta' Settembru hija ħaġa li mhux biss tiġbed l-għaġeb u l-ammirazzjoni tal-ġnus, imma li l-bniedem ma jibqax jifhimha iżjed. Il-ġrajja tat-8 ta' Settembru tisboq kull proporzjon, tgħaddi kull qjies. Hija donnha kbira żżejjed biex toqgħod fost il-paġni ta' l-istorja tagħna. Hija għandha iżjed minn leġġenda u tixbah ħafna lil ħolma artistika li tixgħel fil-fantasija ta' xi poeta tal-gwerra bħal dak li għanna t-taqbidiet ta' Salamina u ta' Maratona. "Jekk aħna naqraw b'għaġeb kbir— ħalla miktub il-kittieb storiku (Scipione Ammirato fl-Istorie Fiorentine) — "l-istorja qadima tal-Greċja u jidhrilna li hija ħaġa kbira kif il-Greċja kollha magħquda flimkien setgħet tirreżisti u żżomm jebes lill-eżerċtu qawwi ta' Serse, kemm għandna għax nistagħġbu iżjed kif gżira ċkejkna bħal Malta kella l-ħila mhux biss tilqa imma trażżan u xxejjen għal kollox il-kburija tat-Torok, dak iż-żmien qawwijin, jekk mhux mill-għadd tan-nies, mill-forzi u mill-munizzjon wisq iżjed milli kienu l-Persjani fiż-żmenijiet il-qodma ! . . . . . "Biżżejjed wieħed igħid," jikteb iżjed il-quddiem dan l-istoriku, "li l-Assedju ta'

Malta kien wieħed mid-difiżi l-aktar glorjużi li qatt għamlu l-insara fuq it-Torok'' u fl-aħħar jasal biex igħid li, jekk wieħed jiżen tajjeb l-istorja mingħajr ma jgħammex għajnejh mill-kliem sabiħ tal-kittieba u poeti, it-taqbidiet ta' Salamina u ta' Maratona, l-akbar u l-isbaħ fl-istorja tal-Greċja, bil-kemm jistgħu joqogħdu fejn id-difiża ta' Malta.''

Iżda mhux għalhekk biss l-Assedju ta' Malta jibqa' msemmi fl-Istorja. Mhux dan li jagħmel ir-rebħa ta' Settembru għal dejjem famuża, u jiksi l-gżejjer tagħna b'dawl ta' glorja li ebda żmien ma jista' jitfi. Ir-rebħa maltija ta' Settembru ma kinetx biss difiża ta' Malta, iżda difiża ta' l-Ewropa sħiħa, u għalhekk hi libset importanza tal-għaġeb fil-ġrajja ta' żmenijietna. Hija kienet xi ħaġa iżjed minn rebħa għaliex għalqet żmenijiet qodma mimlija theddid u biża' u fetħet żmenijiet ġodda mimlija hena u sliema għall-Ewropa u għad-dinja. Il-Ħolma Imperjali ta' Soliman kellha tibda minn Malta: jaħtaf Malta u minn hawn qajla qajla jifrex is-setgħa tiegħu fuq ix-xtut kollha ta l-Ewropa u jagħmel Imperu ieħor ta' Stati Ewropej. Malta għalhekk kienet ta' siwi kbir biex iwettaq ix-xewqa ta' qalbu. Iżda barra dan, Malta kienet ksir ir-ras ewlieni li kien jinħtieġ jitneħħa. Ix-xwieni maltin kienu ta' sikwit jaħbtu għal dawk tat-Torok, jisirquhom, iħarbtuhom u jbattluhom min-nies. Din l-istorja kienet ilha sejra fuq ħames snin u f'dawn it-taqbidiet żgħar tal-baħar it-Torok kienu tilfu mas-60 xini bejn misruqa, maħruqa u mgħarrqa, u li minn fuqhom kienu għebu ma' l-2,000 Tork bejn maqtula u meħudin fil-jasar. Il-kapijiet tal-Marokk, ta' l-Alġier u ta' naħiet oħra ta' l-Afrika minn żmien twil kienu ilhom jitolbu lil Sidhom biex jeħlishom minn din il-gżira fatali u għal dan kienu jwegħduh l-għajnuna tagħhom kollha. Barra dan ir-rebħa ta' Malta kienet ir-rieda tat-Turkija kollha, mixtieqa mir-razez kollha ta' l-Imperu Tork, mitluba min-nisa tal-ħarem u fuq kollox ikkmandata minn dik li darba kienet ilsira, imma li dak iż-żmien kellha f'idejha l-muftieħ tal-qalb ta' Soliman, Rosselane. Il-qbid tas-''Sultana'' li sar fil-Lvant

u tista' tgħid taħt is-swar tal-belt Imperjali jssokta jħeġġeġ lil Soliman u lin-nies tiegħu biex iwettaq il-ħsieb li jirbaħ Malta u li jeħles u jitħallas għal dejjem minnha. Iżda r-rebħa ta' Malta kienet ukoll waħda mill-ambizzjonijiet persunali ta' Soliman. Kif ir-rebħa ta' Rodi kienet ħażżet b'ittri tad-deheb il-bidu tal-ħakma tiegħu, hekk ukoll ir-rebħa ta' Malta u t-tkeċċija tal-Kavaljeri minn Malta kellha tagħlaq is-saltna tiegħu rebbieħa.

Iżda Alla l-Ħanin mas-siegħa tal-hemm bagħat lil Malta tagħna l-bniedem tagħha. La Valette jibqa l-bniedem tal-għaġeb li mexxa waħda mill-akbar taqbidiet tas-Seklu sittax u taż-żmenijiet kollha. Huwa kien wieħed minn dawk il-bnedmin li l-Provvidenza tagħżel u tqiegħed fuq l-oħrajn għal xi ħaġa tajba li jkollu fih u li tkun taqbel għaż-żmenijiet tiegħu. Huwa kellu t-tlitt ħwejjeġ li jinħtieġu f'General qalbieni: ġarrab ħafna fil-ħajja, ixomm mill-bogħod u jaħseb b'moħħ frisk u mingħajr ma jiddagħdagħ. L-istorja tgħidilna li huwa kien bniedem sod u mixħut għas-świed il-qalb; kellu bixla ta' bniedem imnikket u fuq wiċċu kien jidher dejjem bħal star ta' dwejjaq. Iżda fuq kollox huwa kien bniedem ta' fehma sħiħa u soda, fehma li kienet teħodha kontra r-rieda tal-Kunsill tiegħu kollu kemm il-darba kien jinħtieġ u jaqbel. Din il-fehma soda u din ir-rieda qawwija dehret f'żewġ episodi kbar ta' l-Assedju. Darba waħda meta l-gwarniġjon ta' Sant Jiermu ried iċedi u jitlaq il-fortizza lill-għadu. Iżda La Valette amar bil-qawwa : "ibqgħu hemm sa l-aħħar nifs, sa l-aħħar qatra demm". Darba oħra meta l-Kunsill ta parir lil La Valette biex iħalli l-Birgu u jirtira fil-fortizza ta' Sant'Anġlu. Iżda La Valette ċaħad bil-qawwa, u Alla ħares ma kienx hekk għax din il-fehma tiegħu salvat dik il-ħabta lil Malta. Iżda din il-fehma qawwija ta' La Vallette tidher ukoll, u forsi aħjar, maċ-ċkejken Għawdex tagħna. Qabel l-Assedju, fil-waqt li f'Malta kulħadd kien qiegħed jithejja biex jilqa mill-aħjar li jista' lit-Torok, il-fehma tal-Kunsill kienet illi Għawdex, fortizza żgħira u mingħajr difiża, kellu jiġi mkisser u magħmul gods irmied fil-waqt li n-nies tiegħu kellhom jinbagħtu

Malta. La Valette, li kien iħobb lill-Għawdxin b'imħabba kbira u ġejja tassew mill-qalb, wiċċu aħmar bil-qilla, qagħad jisma' fis-skiet dan il-parir ġiefi tal-Kunsill u mbagħad, x'ħin kullħadd qal li ried, kontra r-rieda tal-Kunsill kollu, huwa ċaħad li Għawdex jitkisser, li Għawdex isir gods irmied. "Le", għajjat dak in-nhar La Valette, li kien jaf kemm jiswew il-Għawdxin u kemm jafu jbiegħu għalja l-mewt tagħhom, "Le, l-Għawdxin ta' Għawdex jibqgħu f'Għawdex, l-Għawdxin ta' Għawdex imutu f'Għawdex."

Imbierka din il-fehma ta' La Valette li salvat dak in-nhar liċ-ċkejkna Patrja tagħna !

La Valette kien iħobb b'imħabba sħiħa l-Għawdxin, u dan jidher miż-żjarat ta' sikwit li kien jagħmel f'din il-gżira. Iżda La Valette kien iħobb lill-Maltin kollha; kien iħobb lill-Maltin għax għaraf fihom in-nies ta' ġieħ u ta' karattru li ma jitbeżżgħux u jirtogħdu quddiem is-sagrifiċċju. Huwa kien għaraf u studja sewwa l-psikoloġija tal-ġens tagħna. Għaliex biex tagħraf poplu mhux biżżejjed li tkun għext miegħu, mhux biżżejjed li tkun magħqud miegħu bi rbit ta' ħbiberija; imma jiswa ħafna, u kont ser ngħid jinħtieġ, li xi darba jkollok xi tgħid miegħu; u r-relazzjonijiet bejn La Valette u l-Maltin mhux minn dejjem kienu tajba. U fuq il-karattru u fuq il-kuxjenza tal-Poplu Malti huwa qiegħed fil-jiem tal-Assedju t-tama tiegħu iżjed milli fis-sengħa tal-Kavalieri, iżjed milli fis-setgħa ta' l-armi u tal-munizzjon, La Valette kien jaf x'jiswew u x'jistgħu jagħmlu l-Maltin meta jkunu mħeġġin mill-Ideali tar-Reliġjon u tal-Patrja. Imma għaliex il-Maltin ma ħadux dak kollu li ħaqqhom mill-Istorja ta' l-Assedju ? Il-kittieba tista' tgħid kollha ta' l-Assedju kienu nies imħallsin mill-Ordni, u għalhekk ħsiebhom kien biss li jfaħħru u jgħollu n-nies tiegħu. Kemm ismijiet ta' eroj Maltin baqgħu minħabba f'hekk mitlufin ! L-ebda inġustizzja akbar minn din ma setgħet issir mal-poplu Malti, u l-istorja ta' l-ebda nazzjon ma tirreġistra għajb akbar minn dan. Ma dan kollu aħna

nafu li l-eroiżmu li wrew il-Maltin f'din it-taqbida kien bil-wisq akbar minn dak tal-Kavalieri. Il-Kavalieri kienu nies barranin miġmugħin minn ħafna nazzjonijiet, lesti dejjem biex iħallu lil Malta kemm il-darba tiġi mogħtija lilhom art aħjar u li taqbel iżjed għall-bżonnijiet tagħhom. U għalhekk huma aktarx kienu jitqabdu għall-ġieħ u l-isem tajjeb ta' l-Ordni tagħhom u tal-wegħdi li jagħmlu l'Alla. Iżda l-Maltin kienu qegħdin jitqabdu għal Ideali wisq iżjed għoljin. Huma kienu qegħdin jitqabdu għal Malta, l-art ħelwa u ħanina li tathom il-ħajja, biex ma jarawhiex taqa taħt idejn l-egħdewwa tradizzjonali tat-Twemmin, tad-Drawwiet u taċ-Ċiviltà tagħhom; kienu qegħdin jitqabdu għal pajjiżhom, art qaddisa u mbierka minn Alla, u għaliha kienu lesti li jagħmlu kull sagrifiċċju, kif b'sagrifiċċi kbar kienu fdewha żmenijiet qabel bi flushom. Fuq kollox il-għadd tal-Maltin li mietu fl-Assedju jixhed waħdu dan li qiegħed ingħid. Ma' tul l-Assedju mietu mad-disat elef nisrani; minn dawn sitt elef kienu Maltin.

Nagħlaq hawn billi nerġa' ntenni li aħna l-Maltin ma nistgħu naħfru qatt il-ħtija li għaliha ġie mitluf għal dejjem il-martiroloġju tal-Patrja tagħna.

Hi kif inhi, ir-rebħa ta' Settembru tibqa' dejjem rebħa nazzjonali Maltija. U kif La Valette stħoqqlu jissejjaħ l-"Eroe tas-Seklu", hekk ukoll il-Maltin li tqabdu taħtu jistħoqqilhom jissejħu "il-qalbenin tas-Seklu tagħhom." Ir-rebħa Maltija tat-8 ta' Settembru hija ġieħ li ma jgħib qatt minn fuq il-Patrija tagħna.

GĦAWDXIN,

Aħna m'għandniex monumenti tal-bronż li jfakkruna f'din ir-rebħa, u li l-lum nistgħu niksu bil-ward imfewwaħ tal-ġonna tagħna. Iżda għandna monument isbaħ u li jiswa aktar mill-bronż. Għandna dak il-Kastell li l-lejla fis-skiet u l-ħemda tiegħu jimtela bil-għana tal-Martri li jgħollu lil Alla tal-Qtajjiet u Feddej tan-Nazzjonijiet l-innu ta' ħajr u mħabba għal din il-fidwa nazzjonali tagħna.

Dak il-Kastell, għalkemm ma ħax sehem fl-Assedju, huwa mimli bil-glorja tal-martri li mietu fih fit-taqbidiet ta' qabel l-Assedju. Kien dan l-eroiżmu tal-Għawdxin li ġiegħel lil La Valette ma jħallix dak il-Kastell jitkisser. Għax ukoll meta missirijietna kellhom jiftħu l-bibien ta' dak il-Kastell u jaraw lil djarhom maħruqa u misruqa u x-xbejbiet u ż-żgħażagħ tagħna sejrin fil-jasar, huma setgħu jgħidu dejjem bħal ma qalu darba waħda l-Feniċi meta pajjiżhom ġie mirbuħ mill-għadu: "kollox tlifna barra ġieħna." Ngħożżuh dak il-Kastell; huwa l-aħħar tifkira li fadlilna tal-qawwa u l-qlubija ta' misserijietna. Kull traba hija fdal ta' għożża, kull ġebla għandha l-istorja tagħha u kull xiber art huwa msoqqi bid-demm tal-martri. Dak il-Kastell ħallas bid-demm ta' wliedu l-ħaraġ tagħna biex tiġi salvata n-nazzjonalità Maltija. Iżda din in-nazzjonalità mhux biżżejjed li ġiet salvata minn misserijietna: huwa dmir tagħna li nżommuha sħiħa. Tlitt ħwejjeġ jagħmlu lil Malta Nazzjon: Reliġjon, Drawwiet u Lsien. Iżda fuq kollox l-Ilsien. Inħobbuh dan l-Ilsien tagħna, l-Ilsien Malti. Huwa tagħna, huwa ħajjitna, huwa demmna. Huwa l-Ilsien li bih il-martri ta' l-Assedju offrew lil Alla s-sagrifiċċju ta' ħajjithom u bih tennew quddiem in-nirien tal-mewt il-ħalfa tagħhom: "għal Alla u għal Malta". Inħobbuh, u l-lum li m'għandux iżjed xhieda ta' għajb u mistħija, imma li tela' fuq il-Katedra tal-Ħaqq u ta' l-I-skejjel Għoljin, naħilfu flimkien li nagħmlu kull ma nistgħu biex norqmuh, biex inkabbruh, u nagħmluh xieraq ta' l-istorja kbira ta' artna. Niftakru li xejn daqs l-Ilsien Malti ma jista' jnissel fi qlubna ż-żerriegħa tal-veru Patrjottiżmu, li hu konsegwenza ewlenija tal-karattru. Malta mingħajr l-ilsien li jġib isimha tinża' x-xbieha individwali tagħha bħala Nazzjon u tintilef fil-ġrajja ta' ġnus oħra sewwa sew kif qatra ilma tintilef fil-beraħ bla tarf ta' Oċean.

Inħobbu fuq kollox dawn il-gżejjer tagħna mbierka minn Alla, maħbuba mill-ħolqien, imgħannqa kollha mill-baħar u mbewsa dejjem mix-xemx. Inħobbuhom u nitolbu 'l Alla li jżommhom dejjem taħt id-dell tal-Bandiera Kbira

li taħtha xeħtitna l-Providenza fejn ir-Reliġjon, id-Drawwiet u l-Ilsien tagħna jibqgħu dejjem imħarsa. Fuq kollox ningħaqdu bħal bniedem wieħed meta hemm fin-nofs l-interessi tal-Patrja tagħna u :

*Hekk magħqudin u sħiħa*
*ma jista' għalina ħadd*
*għax Malta tirbaħ dejjem*
*għax Malta ma tmut qatt.*